**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 07/10(29_07_10).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Godwin Azzopardi – *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Lulju 2010.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-*Playing Field* il-ġdida tal-Munxar.
6. *Fun days* fix-Xlendi.
7. Ftehim dwar it-Torri tax-Xlendi.
8. Sejħa għall-offerti għall-*Galvanised Railing*.
9. Sejħa għall-offerti dwar provvista ta' lampi u aċċessorji għax-Xlendi.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
11. Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 82/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 17865 rigward bir fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 83/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 17864 rigward apparti l-pannelli fotovoltajiċi li ġew stallati fuq il-bjut tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali x' inizjattivi ħa kull Kunsill Lokali biex inaqqas l-ispejjeż mill-konsum tad-dawl u l-ilma.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 84/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 17863 rigward *lift* fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 85/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 18799 rigward il-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' li jieħdu ħsieb il-bjar u l-ġibjuni li jinsabu fil-Lokalitajiet tagħhom.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 86/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Nofstanhari fis-Sajf'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 87/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 18973 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li ma kellhomx *works manager* mis-sena 2006 sal-lum.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 88/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 18974 rigward il-proċedura meta Kuntrattur għal xi raġuni jonqos milli jonora l-kuntratt billi ma jikkompletax il-kuntratt li jkun ħa mingħand il-Kunsill Lokali.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 89/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'websajt www.lc.gov.mt'.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 90/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 19072 rigward il-*Community Workers* fil-preżent assenjati mal-Kunsilli Lokali.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 91/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Oġġetti u servizzi mixtrija (ammonti ta' 'il fuq minn €1,164.69) li ngħataw b' *direct order* mill-2006 sal-lum (it-2 ta' Lulju 2010)'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 92/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Proċeduri Dwar il-Ħatra ta' Viċi-President fuq kull Kumitat Reġjonali'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 93/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning*'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 94/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet tagħhom'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 95/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011'.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 96/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 18881 rigward *green wardens* assenjati ma' kull Kunsill Lokali.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 97/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 18885 rigward dawk il-Kunsilli li mponew miżura biex fil-lokal tagħhom ma jiġux organizzati *barbeques* u/jew dawk li mponew taxxa/miżata u/jew liċenzja eċċ. biex min irid jorganizza *barbeque* fil-lokal tagħhom irid iħallas.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 98/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 18882 fejn saret referenza għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Numru 18007 rigward il-Kunsilli Lokali li barra mill-ispejjeż indikati u in konnessjoni ma' l-attivitajiet tal-Karnival kienx hemm spejjeż oħra, għajr dawk pubbliċi, bħalma huma *sponsors* eċċ. li ntefqu f' dawn l-attivitajiet.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 99/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 19272 rigward il-perjodu li fih il-Kunsilli Lokali ilhom jiftħu s-Sibtijiet kemm inqdew nies f' din il-ġurnata Kunsill b' Kunsill u kemm ġew imħallsa flejjes f' *overtime* s-Sibtijiet (għall-istess perjodu li nbeda minn Ottubru 2009).

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 100/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 19273 rigward l-*overtime* li tħallas minn kull Kunsill għas-snin 2007, 2008 u 2009.

2.20 Il-Kunsill irċieva Memo 101/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kap. 363 – Att dwar Kunsilli Lokali'. Waħda mill-emendi l-ġodda fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali huwa l-artikolu 81 intitolat: Meta Kunsill jonqos milli jwettaq xi funzjoni.

2.21 Il-Kunsill irċieva Memo 102/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'www.lc.gov.mt – Lista ta' Pagamenti'.

2.22 Il-Kunsill irċieva Memo 103/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Ħinijiet Minimi Obbligatorji tal-Ftuħ ta' l-Uffiċini tal-Kunsilli Lokali'.

2.23 Il-Kunsill irċieva Memo 104/2010 mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward 'Rapporti ta' l-Udituri tal-Gvern Lokali għas-Sena li Għalqet fil-31 ta' Diċembru 2009'.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Fakulta' ta' l-Inġinerija fl-Universita' ta' Malta rigward l-'Engineering Student Exhibition 2010', fl-1 u fit-2 ta' Lulju 2010.

2.25 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02658/10 – *To demolish existing poultry slaughter house and food processing facility and construct three dwelling* fi Triq Ras il-Bajjada, Munxar. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward 'Żoni Protetti' fejn il-Kunsill ġie informat li s-sit Xlendi – Wied il-Kantra ġie protett bħala Żona Speċjali ta' Konservazzjoni (SAC) ta' Importanza Internazzjonali, skont il-provvediment tar-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjent Naturali (Avviż Legali 311 ta' l-2006).

2.27 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA 'Notification of DCC Sitting – Division A' fir-rigward ta' Applikazzjoni Numru PA02277/09 – *To cover existing concrete walkway leading to Xlendi Tower with hardstone paving* fil-Kantra, Bajja tax-Xlendi, Xlendi.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku), li hija rigward il-'Green Public Procurement Conference – Lead the change', fit-2 ta' Lulju 2010.

2.29 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02809/10 – *To amend permission PA6484/05 consisting of internal alterations and connect second floor flat and third floor penthouse to create duplex* fi Triq il-Puniċi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward il-laqgħat u l-ippjanar ta' inizjattivi li hemm bżonn isiru, issa li l-Kumitati Amministrattivi bdew jiffunzjonaw uffiċjalment (mill-1 ta' Lulju 2010).

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn ġejna mistiedna għall-attivita' fejn ser ningħataw fondi mill-iSkema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'website www.lc.gov.mt'.

2.33 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF00181/10 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit *off* Triq il-Munxar, Munxar, minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti f' alterazzjonijiet f' post qadim kif ukoll tpoġġiet xatba tal-metal.

2.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja rigward il-'Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2010/11'.

2.35 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02941/10 – *Amendments to permission PA0765/08 by shifting of internal walls at all levels, re-positioning of apertures of side elevation, slight re-positioning of washroom, extension of 0.6m at front of building, 0.37m in garage and increase in site area,* fi Triq il-Kavallieri, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.36 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MITA rigward 'Mita spearheads an EU co-financed project – Second Step'. Second Step huwa *training programme* bla ħlas li jwassal l-istudenti għall-BTEC National Diploma fil-Computing and Information Systems, Information Technology jew Information Systems.

2.37 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA 'Initial Setting Out of Scheme Alignment' fir-rigward ta' Applikazzjoni Numru PA04312/02 – *Embellishment of Munxar squares, streets, and re-alignment of road and parking layout* fil-Pjazza u toroq tal-Munxar.

2.38 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02843/10 – *To carry out minor alterations to stairs approved in permission PA281/08 and add three penthouses,* fi Triq il-Qsajjem kantuniera ma' Triq il-Puniċi, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.39 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-pubblikazzjoni b' informazzjoni kulturali fuq dak li jkun qiegħed jiġri matul is-sena u l-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħatilhom informazzjoni għal Gozo Cultural Calendar September-November 2010.

2.40 Il-Kunsill irċieva Memo 102A/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'www.lc.gov.mt – Lista ta' Pagamenti'.

2.41 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Youth in Action Project li ser isir l-Italja bejn il-11 u l-20 ta' Settembru 2010.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-ħlas għat-tariffi ta' ġbir ta' skart. L-Assoċjazzjoni qed tagħti direttiva lill-Kunsilli Lokali li ħadd ma għandu jħallas tariffa ta' ġbir ta' skart lill-WasteServ Malta Ltd. aktar minn dak li ġie mogħti mill-Gvern fl-allokazzjoni finanzjarja.

3.02 L-Avukat Mario Scerri kiteb lil Anton Zarb (Cast Iron Products) fejn informah li peress li l-konsenja ta' bankijiet u *litterbins* kellha ssir sal-21 ta' Ġunju 2010, liema żmien kien ġie estiż sa' l-aħħar ta' Lulju 2010, qed jiġi avżat li jekk il-konsenja ma tasalx sa l-aħħar ta' Lulju 2010, iqis bħala kanċellata l-ordni li saritlu. Il-Kunsill qed jirriżerva kull jedd li jżommu responsabbli tad-danni kollha minħabba li l-proġett ma jistax jiġi nawgurat fi żmien li kien ipprogrammat.

3.03 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, Memo 86/2010 rigward nofstanhari fis-Sajf. Sabiex ħaddiema fil-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jaħdmu bin-nofstanhari fis-Sajf, għandha ssir rakkomandazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv li titressaq quddiem il-Kunsill rispettiv u tiġi approvata u mdaħħla fil-Minuti. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomanda sabiex l-Uffiċjal Eżekuttiv taħdem bin-nofstanhari fis-Sajf. Kien hemm qbil dwar dan.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 07/10(29_07_10).

**5.00 Il-*Playing Field* il-ġdida tal-Munxar.**

5.01 Ix-xogħol fuq il-*Playing Field* il-ġdida wasal biex jitlesta. Fadal li jitħawwlu l-fjuri, titkompla tinżeba' l-kurduna, jiddaħħal id-dawl u l-ilma u jinġieb il-*Compliance Certificate* mingħand il-MEPA, u jsiru *signs*. Ġie deċiż li d-data tal-ftuħ issir fit-2 ta' Settembru 2010 u tinfetaħ mill-Prim Ministru. Jekk ma jkunx jista', tinfetaħ mill-Ministru għal Għawdex u jekk ma tkunx tista' tattendi tinfetaħ mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, l-Onor. Dr. Chris Said.

5.02 Ġie deċiż li l-*Playing Field* il-ġdida tissemma Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina.

**6.00 *Fun days* fix-Xlendi.**

6.01 Il-Kunsill kien ser jieħu sehem fil-*Fun days* flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Dawn il-*Fun days* ser isiru fuq tlett ijiem, 31 ta' Lulju, 1 u 2 t' Awwissu 2010. Ser ikun hemm *Water Park*, *Canoeing*, *Bouncing Castle* u *Space Ship*. L-ispejjeż ser jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-Kunsill tal-Munxar u l-Kunsill tal-Fontana. Il-*Water Park* ser jiswa €1,800 għal tlett ijiem u l-parti li ser titħallas mill-Kunsill tal-Munxar, jiġifieri €900, in-nofs, ser jiġu rifonduti mill-iskema Inizjattivi Sportivi.

**7.00 Ftehim dwar it-Torri tax-Xlendi.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ftehim ma' Din l-Art Ħelwa dwar it-tmexxija tat-Torri tax-Xlendi. Dan il-ftehim ġie approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

7.02 Il-Kunsill ħatar it-tliet membri li ser jirrappreżentaw lill-Kunsill fuq dan il-Kumitat: is-Sur Patrick Grima, s-Sur Godwin Azzopardi u s-Sur Anthony Grech li barra li ser ikun membru ser ikun ukoll Amministratur. Is-Sindku kien ser jikkuntatja lis-Sur Joseph Calleja sabiex jara jaċċettax li jkun iċ-*Chairman* ta' dan il-Kumitat.

7.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-Dipartiment ta' l-Artijiet informah li dwar it-Torri tax-Xlendi, jrid isir *Guardianship Agreement* mas-Supretendenza tal-Heritage.

**8.00 Sejħa għall-offerti għall-*Galvanised Railing*.**

8.01 Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir *galvanised railing* għall-*Playing Field*. Din l-offerta għalqet fit-23 ta' Ġunju 2010 u ntefgħu tliet offerti:

(1) Amabile Galea & Sons Ltd. - €16,712.
(2) Tarcisio Attard - €8,356.
(3) De Valier Company Ltd. – Option A: €12,823.20
Option B: €17,632.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Tarcisio Attard peress li hija l-orħos offerta.

**9.00 Sejħa għall-offerti dwar provvista ta' lampi u aċċessorji għax-Xlendi.**

9.01 Il-Kunsill irċieva erba' offerti li huma:

- Insulation Malta ppropona sistema ta' LED's u ma kkwotax prezzijiet.
- ESS- Option 1 - €17,322.46
  Option 2 - €19,382.05
  Option 3 - €22,145.36
- Richard Cauchi – €21,944.21
- Apex Interiors Ltd. – €22,898.51

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li tintalab l-għajnuna teknika ta' l-Inġinier Renzo Curmi peress li huwa kien li għamel ir-rapport dwar is-sistema ta' dawl fix-Xlendi u pprepara l-*Bill of Quantities* għas-sejħa ta' l-offerti.

9.03 Is-Sur Godwin Azzopardi, *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi talab sabiex din is-sejħa tiġi ġġudikata mill-Kumitat Amministrattiv peress li dan huwa xogħol li ser isir fil-Bajja tax-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

**10.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħaddiema ta' l-IPSL irranġaw il-bankina ta' quddiem Cini Court u l-manutenzjoni tax-Xlendi hi kważi lesta. Fix-Xlendi twaħħlu bankijiet u fil-Munxar saru żewġ bankini mill-Kuntrattur; waħda fi Triq l-Andrijiet u oħra fi Triq il-Munxar.

**11.00 Rapport dwar il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

11.01 Is-Sur Godwin Azzopardi, *Chairman* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi rrapporta li saret l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat. F' din il-laqgħa ġie diskuss dwar xogħlijiet li qed isiru u xi proposti għal xogħlijiet fil-futur. Bħalissa qed isir studju dwar il-bżonnijiet tax-Xlendi sabiex isir programm ta' xogħlijiet.

**12.00 Rapport tas-Sindku.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva s-somma ta' €5,000 mill-iskema ta' Finanzjament għar-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Dan l-ammont ġie allokat sabiex isir xogħol f' ħames niċeċ f' diversi toroq fil-Munxar u fuq l-istatwa ta' Sant' Indrija fil-Bajja tax-Xlendi. Dan l-ammont qed jiġi allokat bil-kundizzjoni li jekk il-proġett ta' restawr ma jaqax taħt ir-responsabilta' tal-Kunsilli Lokali, jrid isir ftehim bil-miktub mal-proprjetarju, liema kopja ta' ftehim irid jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sal-31 t' Awwissu 2010 u x-xogħlijiet iridu jkunu lesti sa l-aħħar ta' Diċembru 2010.

12.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni li għamel il-Kunsill għal *Measure 323 – Conservation and Upgrading of Rural and Cultural Tourism* u *Measure 313 – Encouragment of Tourism Acitivities* ġew approvati. Issa l-Kunsill irid japplika għal *co-financing*.

12.03 Il-Malta Tourism Authority ser twaħħal erba' slielem ta' l-i*stainless steel* fil-Bajja tax-Xlendi u l-ġimgħa d-dieħla ser jitwaħħal il-WiFi fix-Xlendi u fil-Munxar. Il-Malta Standards Authority għamlu spezzjoni fuq l-apparat tal-*Playing Field* u l-problemi żgħar li sabu ser jitranġaw. Il-MEPA mmarkaw kif ġejja l-Pjazza tal-Knisja sabiex isiru *road markings*.

12.04 Is-Sindku attenda għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fit-triq tax-Xlendi. Huwa attenda wkoll il-laqgħa tad-DCC dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jitranġa l-passaġġ f' tal-Ponta fejn ġew ippreżentati pjanti ġodda.

**13.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li f' dan ix-xahar beda jiffunzjona l-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi. Kif ġa rrapporta ċ-*Chairman*, kienet saret l-ewwel laqgħa fit-13 ta' Lulju 2010. Mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Munxar għas-sena finanzjarja 2010, inħadmet l-allokazzjoni finanzjarja għall-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi. Il-komunita' tax-Xlendi ser tieħu €43,294 mill-allokazzjoni għall-perjodu Lulju – Diċembru 2010.

13.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Pannelli Solari għall-*Playing Field* il-ġdida ġew installati u ċċertifikati mill-Inġinier Mario Galea u b' hekk ġiet milħuqa d-*deadline* ta' l-aħħar ta' Lulju 2010 li saret mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

13.03 Il-Kunsill applika għal żewġ *speed cameras*, waħda fil-Pjazza tal-Knisja u oħra fi Triq il-Qsajjem, Xlendi.

13.04 Il-MEPA qed titlob lill-Kunsill sabiex jagħmel garanzija ta' €1,000 rigward Applikazzjoni għal Permess ta' Żvilupp PA02277/09 sabiex jitranġa l-passaġġ ta' fuq il-Wied il-Kantra. Kien hemm qbil dwar dan.

**14.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

14.01 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri fakkar dwar it-tliet arbli li għandhom isiru fid-daħla tal-Munxar. Is-Sindku informah li dawn għadhom ma sarux minħabba li qabel irid joħroġ il-*Compliance Certificate* tal-*Playing Field*. Is-Sur Spiteri talab ukoll sabiex it-toroq jitnaddfu mill-ħaxix.

**15.00 Materji oħra.**

15.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 31 t' Awwissu 2010, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***